MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 191/2004

**Maltacom plc**
**(C 22334)**

**Vs**

**South Creek Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta` Jannar, 2004, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallasha s-somma ta` elf, mija u tnejn u tletin lira, sebgha u tletin centezmu (Lm1,132.37), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telephone bin-numru 21639814 kif jirrizulta minn dokumenti annessi u mmarkati Dok. A u Dok. B.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 23 ta` Frar, 2004 fejn ikkontesta t-talba attrici.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ha konjizzjoni tat-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-provi prodotti mis-socjeta` attrici bazikament jikkonsistu fid-dokumenti ezebiti kemm minn naha u kif ukoll minn ohra peress illi z-zewg xhieda mharrka minnhom f'dan il-kaz ftit li xejn jitfghu dawl ta` sustanza fuq il-meritu ta` l-istess.

Skond Dok. A a fol. 2 tal-process jirrizulta li s-socjeta` konvenuta giet registrata mal-Maltacom fuq in-numru in kwistjoni fid-data tat-12 ta` Marzu, 1997. Il-kont ezebit a fol. 3 tal-process jindika bilanc ta` Lm1,132.37 cioe` l-ammont mitlub f'dina l-kawza pero` ta` min jinnota li l-ilment principali tal-konvenut jinsab fl-ewwel entry fuq l-istess kont datata 6 ta` Lulju, 1999, ghall-ammont ta` Lm943.73. Huwa jargumenta li din is-somma kienet gia` mhallsa kif jirrizulta minn kontijiet precedenti ghal dan. Fil-fatt, il-kont tas-6 ta` Lulju, 1999 a fol. 24 tal-process jindika tali cifra bhala *"adjustments"* u hadd mis-socjeta` attrici ma ttellghet tispjega minn fejn u 'l ghala harget tali *"adjustment".* Tali spjegazzjoni tassumi certa mportanza fondamentali peress illi tali cifra kienet gia` ssemmiet f'kontijiet precedenti u nqatghet barra ghal darba, tnejn. Mid-dokument ezebit a fol. 17 tal-process datat 15 ta` Lulju, 1998, jidher li l-istess ammont ta` Lm945.42, hawn mitlub mill-atturi kien gie mhallas tant li l-bilanc jidher zero. Dan l-ammont rega` deher fil-kont a fol. 22 tal-process pero` rega` tnaqqas u l-bilanc dovut kien ta` Lm221.13 li jidher li gie mhallas u imhazzez *"OK"* fejnu. Dan il-bilanc ta` Lm221.13 jidher riportat fil-kont segwenti tat-2 ta` Mejju, 1999, a fol. 23 tal-process. In segwitu ic-cifra diskutibbli terga` titfacca minghajr spjegazzjoni soddisfacenti fil-kont ta` wara cioe` dak tas-6 ta` Lulju, 1999, a fol. 24 tal-process.

Il-konvenut jikkontendi li ma kellu jaghti ebda ammonti sa Dicembru, 1999 u kiteb ittra f'dan is-sens li tinsab a fol. 11 tal-process. Ighid ukoll li l-ammont ta` Lm945.42 li qed jaddebitaw lilu fil-fatt kien ighajjat lil ta` qabblu u difatti s-socjeta` attrici ghal darba, tnejn jidher li qabblu mieghu, naqsulu dan l-ammont u regghu tawh il-linja, bl-istess numru li kellu qabel. It-Tribunal jinnota li huwa minnu li l-atturi ppruvaw igibu prova li dan l-ammont kien dovut mis-socjeta` konvenuta a bazi ta` cekk li kien inhareg minnu li ma giex onorat. Dan ic-cekk pero` jidher li baqa` ma giexipprezentat ghalkemm hemm referenza ghalih fl-ittra ezebita a fol. 50 tal-process.

Illi l-oneru tal-prova fuq l-ammonti pretizi jinkombi fuq min qed jallega, f'dan il-kaz is-socjeta` attrici u t-Tribunal huwa tal-fehma li l-atturi naqsu li jgibu provi soddisfacenti f'dan ir-rigward partikolarment dwar ic-cifra ta` Lm945.42 u ghalhekk l-ammont pretiz ghandu jigi aggustat f'dan is-sens.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici, limitatament pero` versu s-somma ta` Lm186.95, kwindi jilqa` l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta f'dan is-sens u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici, s-somma ta` Lm186.95, bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza. It-Tribunal ihoss li ghandu jigi ritenut gust u ekwu li l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------